MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 608/2003

**Alfa Co Ltd**

**vs**

**Tony Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u wiehed u disghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM 2,691.25) rapprezentanti s-somma ta' LM891.25 bhala hlas ta' kera dovuta lis-socjeta' attrici fuq 'projector' u dan skond l-anness Dok. A, u s-somma ta' LM1,800 bhala l-valur tal-imsemmi projector stante li dan ma giex irritornat lis-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata Dok B;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talbiet attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 ta’ Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talbiet tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ elfejn, sitt mija u wiehed u disghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM 2,691.25) bl-imghax legali mid-9 ta’ Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------